

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż inklużi dawk tal-appell.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2017 – Stada Arzneimittel vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' żewġ arkati ċirkulari opposti)

(Kawża T-804/17)

(2018/C 042/61)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. C. Plate u R. Kaase, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 625 437

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 1887/2016-1

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2017 – Pethke vs EUIPO

(Kawża T-808/17)

(2018/C 042/62)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Ralph Pethke (Alicante, Spanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu għas-sena 2016, fil-verżjoni li ġiet ikkomunikata lill-10 ta' April 2017;
- għal dan il-għan, sa fejn huwa neċessarju, tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-EUIPO dwar l-ilment imressaq mir-rikorreni fit-18 ta' Ottubru 2017 konformement mal-Artikolu 90(2) tar-Regolament tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.